



Brussell, 1 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14611/21

AGRI 602

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura / Kunsill
Suġġett:	Prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel - <i>Thejjja tad-dibattitu tal-Kunsill</i>

Bil-ħsieb tad-dibattitu Ministerjali dwar “*Prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel*” fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd tat-12-13 ta’ Diċembru 2021, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument ta’ diskussjoni tal-Presidenza dwar l-istess suġġett.

Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza dwar "Prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel"

It-titjib u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel huma għan importanti tal-Politika Agrikola Komuni, peress li tindirizza l-iżbilanċ sinifikanti fis-setgħat tan-negozjar fil-katina tal-provvista tal-ikel fejn il-bdiewa huma partikolarment esposti.

Filwaqt li tibni fuq azzjonijiet leġiżlattivi sinifikanti li diġà ttieħdu biex jindirizzaw din il-kwistjoni, bl-adozzjoni tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Ingusti¹ (id-Direttiva dwar PKI) fl-2019 u fi ħdan il-PAK, l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt tiddekrivi aktar azzjonijiet f'dan ir-rigward. Din tipprevedi li tiċċara r-regoli tal-kompetizzjoni għal inizjattivi kollettivi li jippromwovu s-sostenibbiltà fil-ktajjen tal-provvista u tgħin lill-bdiewa jieħdu sehem ġust tal-valur miżjud tal-produzzjoni sostenibbli.

Minn dakinhar 'l hawn ġie introdott titjib importanti fil-kuntest tal-aħħar riforma tal-PAK u d-deċiżjonijiet meħuda fil-livell tal-Istati Membri fi ħdan it-trażpożizzjoni tad-Direttiva dwar PKI fil-liġi nazzjonali.

Il-PAK il-ġdida ser issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista u ser tagħti spinta lill-kompetittività tas-settur agroalimentari billi ttejjeb is-setgħa tan-negozjar. Regoli ġodda ser isaħħu l-kooperazzjoni bejn il-produtturi, u jħeġġu lill-bdiewa jaħdmu flimkien u jippermettulhom joħolqu setgħa kumpensatorja fis-suq. Pereżempju, il-bdiewa (u l-assoċjazzjonijiet tagħhom) u l-atturi aktar 'l isfel fil-katina mill-ewwel xerrejja ser ikunu jistgħu jaqblu dwar klawżoli li jinqasam il-valur li jippermettu lill-bdiewa jipparteċipaw fl-iżviluppi tal-prezzijiet fl-istadji aktar 'l isfel tal-katina alimentari. Fil-każ ta' konsenja ta' prodotti agrikoli koperta minn kuntratt jew offerta bil-miktub skont l-Artikoli 148 u 168 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 il-prezz pagabbli għall-konsenja jista' jiġi kkalkulat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stipulati fil-kuntratt li jgħibu aktar ċarezza lill-produtturi.

¹ Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari.

L-Istati Membri tal-UE kienu meħtieġa jittrasponu d-**Direttiva dwar PKI** fil-liġi nazzjonali sal-1 ta' Mejju 2021 u japplikawha sitt xhur wara. Dan l-aħħar, il-Kummissjoni ppubblikat rapport interim dwar din it-trażpożizzjoni, li jagħti ħarsa lejn id-deċiżjonijiet meħuda fil-livell nazzjonali.

Id-Direttiva dwar PKI introduċiet standards minimi ta' protezzjoni kontra prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-valur tal-ikel bil-għan li tipproteġi lill-bdiewa, organizzazzjonijiet tal-bdiewa u fornituri oħra aktar dgħajfa ta' prodotti agrikoli u tal-ikel kontra xerrejja aktar b'saħħithom.

Tipprevedi livell minimu ta' armonizzazzjoni billi tistabbilixxi lista ta' PKI pprojbiti bejn xerrejja u fornituri fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari. Tistipula wkoll regoli minimi dwar l-ambitu ta' applikazzjoni tagħha, u d-definizzjonijiet ewlenin, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar l-infurzar ta' dawk il-projbizzjonijiet u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri differenti. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mill-PKI elenkati fid-Direttiva, jekk dawn ir-regoli nazzjonali jkunu kumpatibbli mar-regoli dwar il-funzjonament tas-suq intern.

Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE diġà ttrasponew din id-Direttiva u d-deċiżjonijiet meħuda fil-livell nazzjonali ser ikollhom impatt sinifikanti fuq il-ġlieda kontra prattiki kummerċjali inġusti. Fis-sejbiet tagħha l-Kummissjoni vvalutat li maġġoranza kbira ta' dawn l-Istati Membri marru lil hinn mill-livell minimu ta' protezzjoni stabbilit mid-Direttiva, iżda seggew l-approċċ settorjali. Jeżistu wkoll differenzi bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-kategoriji tad-dħul. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri estendew il-lista ta' PKI tad-Direttiva. Fir-rigward tal-awtoritajiet tal-infurzar, l-Istati Membri ppreferew l-awtoritajiet amministrattivi għall-infurzar gudiżzarju. Sanzjonijiet finanzjarji u rimedju b'mandat ta' inibizzjoni jipprevalu bħala miżuri ta' infurzar.

It-triq 'il quddiem:

Id-Direttiva tindirizza ħafna kwistjonijiet marbutin mal-prevenzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel u l-att leġislativ f'dan il-qasam huwa pass fid-direzzjoni t-tajba. Id-differenzi fit-trażpożizzjoni jistħoqqilhom diskussjoni dwar ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri u jekk l-approċċ attwali għall-istabbiliment ta' standards minimi jkunx biżżejjed fuq medda twila ta' żmien, anke bil-ħsieb li jiġi ppreservat is-suq uniku. Is-snin li ġejjin ser juru jekk l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-PAK u tad-Direttiva dwar PKI hijiex effettiva biżżejjed.

Fil-qasam tat-trasparenza tas-suq, nistgħu nieħdu aktar passi u ntejbu l-kundizzjonijiet tan-negozju tul il-katina tal-provvista. Il-fornituri diġà għandhom il-possibbiltà, skont id-Direttiva dwar PKI, li jitolbu u jiksbu kuntratti bil-miktub, li jkopru prodotti tal-Anness I TFUE kif ukoll kwalunkwe prodott ieħor li huwa maħsub għall-użu bħala ikel u pproċessat bl-użu ta' prodotti tal-Anness I TFUE. Il-mistoqsija hija jekk f'dan il-qasam neħtiġux aktar passi u liema.

Hija meħtieġa informazzjoni ċara dwar is-sitwazzjoni fis-swieq u dwar id-distribuzzjoni tal-valur miżjud fost il-partijiet ikkonċernati fil-katina tal-provvista tal-ikel. Fil-livell tal-UE, saret ħidma sostanzjali fuq it-titjib tar-[rappurtar tal-prezzijiet](#) u bħalissa l-enfasi hija fuq l-implimentazzjoni, fejn l-Istati Membri għandhom rwol kruċjali fil-ġbir tad-data. Din iż-żieda fit-trasparenza hija rilevanti wkoll fid-dawl tal-konsegwenzi possibbli ta' spejjeż għoljin tal-enerġija u tal-input għall-prodotti agrikoli u t-trażmissjoni taż-żieda fil-prezz permezz tal-katina alimentari lill-konsumatur finali.

L-effettività tad-Direttiva dwar PKI ser tiddependi fuq il-**kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar** fl-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea. Il-prattika ta' kooperazzjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet tal-infurzar ser tiġi stabbilita fix-xhur li ġejjin. Din il-kooperazzjoni u l-qsim tal-informazzjoni dwar l-aħjar Prattiki ser ikunu primarjament importanti għas-soluzzjoni b'suċċess tat-tilwim fil-livell tal-UE. Il-kooperazzjoni tista' tkun kruċjali f'każijiet fejn l-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli aktar stretti mmirati lejn il-ġlieda kontra Prattiki kummerċjali inġusti meta mqabbla ma' dawk stipulati mid-Direttiva dwar PKI.

Il-kwistjoni ta' Prattiki kummerċjali inġusti għandha tiġi diskussa aktar f'kuntest usa' u f'kuntest istituzzjonali. Kontribut siewi għal dan huwa l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali intitolata *Lejn Katina tal-Provvista tal-Ikel Ġusta*² li tipprovdi perspettiva usa' dwar din il-kwistjoni. L-opinjoni, li tħejjiet fuq talba tal-presidenza Slovena, tenfasizza problemi addizzjonali u tressaq ċerti proposti biex jitqiesu.

² <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/towards-fair-food-supply-chain>

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar dawn il-mistoqsijiet:

1) X'inhuma l-esperjenzi tiegħek bit-trażpożizzjoni jew l-applikazzjoni possibbli tad-Direttiva dwar PKI? Diġà tosserva bidliet fl-imġiba tal-atturi differenti fil-katina tal-provvista agroalimentari? Fejn tara sfidi fl-infurzar tal-liġi nazzjonali dwar PKI li tittrasponi d-Direttiva dwar PKI?

2) Tqis li d-dispożizzjonijiet legali eżistenti tal-UE dwar it-titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa u fornituri aktar dgħajfa fil-katina tal-valur tal-provvista tal-ikel skont id-Direttiva dwar PKI u fil-PAK huma biżżejjed? Jekk le, liema passi oħrajn huma meħtieġa filwaqt li tinżamm l-orjentazzjoni bażika tas-suq tal-PAK riformata?